

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, XXX
C

Abbozz ta'

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru .../2011

ta' [...]

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Abbozz ta'

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' ...

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi Regoli ta' Implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

(Test b'rilevanza għaċ-ĊEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Sabiex l-inġenji tal-ajru mħaddma b'magni mhux kumplessi, l-inġenji tal-ajru rikreattivi u l-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir relatati jiġu soġġetti għal miżuri li jkunu proporzjonati mad-disinn u t-tip ta' tħaddim sempliċi tagħhom, filwaqt li jinżamm livell uniformi ta' sigurtà fl-avjazzjoni fl-Ewropa, huwa meħtieġ li jiddaħħlu bidliet fir-rekwiżiti u l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru rikreattivi u l-prodotti, il-partijiet u t-tagħmir tagħhom kif ukoll tal-organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 ⁽²⁾ għalhekk għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni ⁽³⁾ maħruġa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-Aġenzija') skont l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

¹ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

² ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 5).

³ Opinjoni 01/2011 dwar il-‘proċess tal-ELA’ u l-‘bidliet u t-tiswijiet standard’.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 huwa emendat kif ġej:

1. Jiżdiedu definizzjonijiet ġodda għall-ELA1 u ELA2 mal-Artikolu 1 kif ġej:
 - (j) 'inġenji tal-ajru ELA1' tfisser Inġenji tal-Ajru Ewropej Ħfief bl-ekwipaġġ:
 - (i) ajruplan b'Massa Massima tat-Tlugħ (MTOM) ta' 1 200 kg jew inqas li ma jkunx ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru mħaddem b'magna kumplessa;
 - (ii) *glider* jew *glider* bil-mutur ta' 1 200 kg MTOW jew inqas;
 - (iii) ballun tal-arja b'volum massimu ddisinjat ta' gass tal-irfigħ jew ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 m³ għall-blalen tal-arja sħuna, 1 050 m³ għall-blalen tal-gass, 300 m³ għall-blalen tal-gass marbutin (*tethered*);
 - (iv) *airship* maħsub għal mhux aktar minn 4 okkupanti u volum massimu ddisinjat ta' gass tal-irfigħ u ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 m³ għall-*airships* tal-arja sħuna u 1 000 m³ għall-*airships* tal-gass;
 - (k) 'inġenji tal-ajru ELA2' tfisser l-Inġenji tal-Ajru Ħfief Ewropej li ġejjin:
 - (i) ajruplan b'Massa Massima tat-Tlugħ (MTOM) ta' 2 000 kg jew inqas li ma jkunx ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru li jaħdem b'magna kumplessa;
 - (ii) *glider* jew *glider* bil-mutur ta' 2 000 kg MTOW jew inqas;
 - (iii) ballun tal-arja;
 - (iv) *airship* tal-arja sħuna;
 - (v) *airship* tal-gass li jissodisfa l-elementi li ġejjin:
 - Toqol statiku massimu ta' 3%,
 - *Non-vectored thrust* (hlief *ghar-reverse thrust*),
 - Disinn konvenzjonali u sempliċi ta':
 - L-istruttura,
 - Is-sistema ta' kontroll,
 - Is-sistema tal-*ballonet*,
 - Il-kontrolli mhux assistiti bl-elettriku;
 - (vi) Ajruplani Ħfief Ħafna bir-Rotors.

Artikolu 2

Il-Parti 21 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 hija emendata skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
[...]
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Il-Parti 21 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 hija emendata kif ġej:

1) Il-paragrafu 21A.14(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

21A.14 Wiri tal-kapaċità

‘(b) B’deroga mill-paragrafu (a), bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, applikant jista' jagħmel ftehim mal-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu l-prattiki, ir-riżorsi u s-sekwenza ta' attivitajiet ta' disinn speċifiku, meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din il-Parti, meta l-prodott ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

1. inġenju tal-ajru ELA2;
2. magna jew skrun installati fuq inġenju tal-ajru ELA2;
3. magna bil-pistuni;
4. skrun fiss jew varjabbli bis-snien tal-ingranaġġ.’

2) Jiddaħħal paragrafu ġdid 21A.14(c) kif ġej:

‘(c) B’deroga mill-paragrafu (a), applikant jista' jagħżel li juri l-kapaċità billi jipprovdi lill-Aġenzija l-programm ta' ċertifikazzjoni meħtieġ mill-paragrafu 21A.20(b)⁴ meta l-prodott ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

1. inġenju tal-ajru ELA1;
2. magna jew skrun installati fuq inġenju tal-ajru ELA1.

3) Il-paragrafu 21A.35(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

21A.35 Testijiet tat-titjira

‘(b) L-applikant għandu jagħmel it-testijiet tat-titjira kollha li l-Aġenzija tkun tikkonsidra bħala meħtieġa:

1. biex tkun stabbilita l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-Ċertifikazzjoni tat-Tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, u
2. għal inġenji tal-ajru biex ikunu ċertifikati taħt din it-taqsim, ħliet:
 - (i) *gliders* u *gliders* bil-mutur, u
 - (ii) blalen tal-arja u *airships* definiti f'ELA1 jew ELA2, u
 - (iii) ajruplani li għandhom Massa Massima tat-Tluġh (MTOM) ta' 2 722 kg jew inqas,

biex ikun stabbilit jekk hemmx assigurazzjoni raġonevoli li l-inġenju tal-ajru, il-partijiet u t-tagħmir tiegħu jkunu affidabbli u li jaħdmu kif suppost.’

4) Il-paragrafu 21A.90 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘21A.90A Ambitu

Din is-Sottoparti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn tat-tip u fiċ-ċertifikati tat-tip, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, u d-detenturi ta', daww l-approvazzjonijiet. Din is-Sottoparti tiddefinixxi wkoll bidliet standard li mhumiex soġġetti

⁴ 21A.20(b) kif propost fl-Opinjoni 01/2010.

għal proċess tal-approvazzjoni skont din is-Sottoparti. F'din is-Sottoparti, ir-referenzi għaċ-ċertifikati tat-tip jinkludu ċertifikati tat-tip kif ukoll ċertifikati ristretti tat-tip.'

(5) Jiddaħħal paragrafu ġdid 21A.90B kif ġej:

'21A.90B Bidliet standard

(a) Il-bidliet standard huma bidliet fid-disinn ta' tip:

1. fir-rigward ta':

- (i) ajruplani li għandhom Massa Massima tat-Tluġh (MTOM) ta' 5 700 kg jew inqas;
- (ii) ajruplani bir-rotors li għandhom MTOM ta' 3 175 kg jew inqas;
- (iii) *gliders*, *gliders* bil-mutur, blalen tal-arja u airships, kif definiti f'ELA1 jew ELA2,

2. li jsegwu dejta tad-disinn inkluża fi Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija, li tinkludi metodi, tekniki u prattiki aċċettabbli għat-twettiq u l-identifikazzjoni ta' bidliet standard, fosthom l-istruzzjonijiet assoċjati għall-kundizzjoni tajba kontinwa għall-ajru; u

3. mhumiex f'kunflitt mad-dejta dwar id-detenturi ta' TC.

(b) Il-paragrafi 21A.91 sa 21A.109 ma japplikawx għall-bidliet standard.'

6) Fil-paragrafu 21A.112B il-punt (c) huwa inserit kif ġej:

'(c) B'deroga mill-paragrafu (a) u (b), applikant jista' jagħżel li juri l-kapaċità permezz ta' approvazzjoni mill-Aġenzija ta' programm ta' ċertifikazzjoni li jispjega l-mezzi għat-turija tal-konformità għal STC fuq inġenju tal-ajru, magna u skrun definiti fil-paragrafu 21A.14(c).'

7) Il-paragrafu 21A.116 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'21A.116 Trasferibbiltà

Ċertifikat supplementari tat-tip jista' jiġi trasferit biss lil persuna naturali jew legali li tkun kapaċi twettaq l-obbligi ta' 21A.118A u għal dan il-għan tkun uriet il-kapaċità tagħha li tikkwalifika skont il-kriterji ta' 21A.112B ħlief għal inġenji tal-ajru li għalihom il-persuna fiżika jew ġuridika tkun għamlet ftehim mal-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jispeċifikaw l-attivitajiet tagħha biex twettaq dawn l-obbligi.'

8) Il-paragrafu 21A.307 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'21A.307 Rilaxx ta' partijiet u tagħmir għall-installazzjoni

Parti jew tagħmir għandhom ikunu eliġibbli biex jiġu installati fi prodott li jkollu ċ-ċertifikat tat-tip meta jkunu f'kundizzjoni ta' tħaddim mingħajr periklu, u jkunu:

- (a) akkumpanjati minn ċertifikat ta' rilaxx awtorizzat (EASA Formola I), li jiċċertifika li l-oġġett kien immanifatturat f'konformità ma' dejta approvata tad-disinn u jkun immarkat skont il-Sottoparti Q; jew
- (b) parti standard; jew
- (c) parti jew tagħmir ta' inġenju tal-ajru ELA1 jew ELA2 li ma jkunux:
 - 1. jistgħu jintużaw għal żmien limitat, u lanqas parti mill-istruttura primarja, jew parti mill-kontrolli tat-titjiriet; u

2. meqjusa bħala eliġibbli għall-installazzjoni fl-inġenju tal-ajru tiegħu stess mis-sid tal-inġenju tal-ajru; u
 3. immarkati skont is-Sottoparti Q; u
 4. identifikati għall-installazzjoni fl-inġenju tal-ajru speċifiku.'
- 9) Il-paragrafu 21A.431 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'21A.431A Ambitu

- (a) Din is-Sottoparti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, u tistabbilixxi wkoll id-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, jew id-detenturi ta', dawk l-approvazzjonijiet.
 - (b) Din is-Sottoparti tiddefinixxi tiswijiet li mhumiex soġġetti għal proċess tal-approvazzjoni skont din is-Sottoparti.
 - (c) "Tiswija" tfisser it-tneħħija ta' difett u/jew li prodott, parti jew tagħmir jerġa' jilħaq mill-ġdid il-kondizzjoni tal-adeqgħat tal-avjazzjoni wara li fil-bidu dan ikun ġie rilaxxat fis-servizz mill-manifattur.
 - (d) It-tneħħija ta' difett billi jinbidlu partijiet jew tagħmir mingħajr il-ħtieġa ta' attività ta' disinn għandha titqies bħala xogħol ta' manutenzjoni, u għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' approvazzjoni skont din il-Parti.
 - (e) Tiswija fuq oġġett tal-ETSO għandha tiġi trattata bħala tibdil fid-disinn tal-ETSO u għandha tkun ipproċessata f'konformità ma' 21A.611.'
- 10) Jiddaħħal paragrafu ġdid 21A.431B kif ġej:

'21A.431B Tiswijiet standard

- (a) It-tiswijiet standard huma tiswijiet:
 - (1) fir-rigward ta':
 - (i) ajruplani li għandhom Massa Massima tat-Tluġh (MTOM) ta' 5 700 kg jew inqas;
 - (ii) ajruplani bir-rotors li għandhom MTOM ta' 3 175 kg jew inqas;
 - (iii) *gliders* u *gliders* bil-mutur, blalen tal-arja u *airships*, kif definiti f'ELA1 jew ELA2.
 - (2) li jsegwu dejta tad-disinn inkluża fi Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija, li tinkludi metodi, tekniki u prattiki aċċettabbli għat-twettiq u l-identifikazzjoni ta' tiswijiet standard, fosthom l-istruzzjonijiet assoċjati għall-kundizzjoni tajba kontinwa għall-ajru; u
 - (3) mhumiex f'kunflitt mad-dejta dwar id-detenturi ta' TC.
 - (b) Il-paragrafi 21A.432A sa 21A.451 ma japplikawx għat-tiswijiet standard.'
- 11) Il-paragrafu 21A.432B huwa sostitwit b'dan li ġej:

'21A.432B Wiri tal-kapaċità

- (a) Applikant għall-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri għandu juri l-kapaċità tiegħu billi jkollu l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn, maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mas-Sub-parti J.

- (b) B'deroga mill-paragrafu (a), bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, applikant jista' jagħmel ftehim mal-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu l-prattiki tad-disinn speċifiku, ir-riżorsi u s-sekwenza tal-attivitajiet meħtieġa biex jikkonforma ma' din is-Sub-parti.
 - (c) B'deroga mill-paragrafu (a) u (b), applikant jista' jagħmel ftehim mal-Aġenzija għall-approvazzjoni ta' programm ta' ċertifikazzjoni li jistabbilixxi l-prattiki tad-disinn speċifiku, ir-riżorsi u s-sekwenza tal-attivitajiet meħtieġa biex jikkonforma ma' din il-parti għal tiswija fuq prodott definit fil-paragrafu 21A.14(c).
- 12) Il-paragrafu 21A.441 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘21A.441 Twettiq tat-tiswija

- (a) It-tiswir ta' tiswija għandu jsir skont il-Parti-M jew il-Parti-145 kif jixraq, jew minn organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata kif support skont is-Sottoparti G, taħt il-privileġġ 21A.163(d).
- (b) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tgħaddi lill-organizzazzjoni li se twettaq it-tiswija l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa tal-installazzjoni.’